32005R1690

15.10.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 271/31

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1690/2005

tal-14 ta' Ottubru 2005

li jemenda għall-55 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti u servizzi lejn l-Afganistan, isaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra fir-rigward tat-Taliban tal-Afganistan[1], u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li jaqgħu taħt l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji skont dak ir-Regolament.

(2) Fis-6 ta' Ottubru 2005, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu għalhekk ikun emendat f'dan is-sens.

(3) Biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1629/2005 (ĠU L 260, 6.10.2005, p. 9).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni

Eneko LANDÁBURU

Id-Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

ANNESS

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

1. L-annotazzjoni 'Hani El Sayyed Elsebai *Yusef* (magħruf ukoll bħala Abu Karim). Data tat-twelid: 1.3.1961. Post tat-twelid: Qaylubiyah. Ċittadinanza: Eġizzjana. Informazzjoni oħra: Joqgħod fir-Renju Unit.' Taħt l-intestatura 'Persuni naturali' għandhom isiru sostituzzjonijiet skont dan li ġej:

'Hani Al-Sayyid *Al-Sebai* (magħruf ukoll bħala (a) Hani Yousef Al-Sebai, (b) Hani Youssef, (ċ) Hany Youseff, (d) Hani Yusef, (e) Hani al-Sayyid Al-Sabai, (f) Hani al-Sayyid El Sebai, (g) Hani al-Sayyid Al Siba'i, (h) Hani al-Sayyid El Sabaay, (i) El-Sababt, (j) Abu Tusnin, (k) Abu Akram, (l) Hani El Sayyed Elsebai Yusef, (m) Abu Karim). Indirizz: Londra, ir-Renju Unit. Data tat-twelid: (a) 1.3.1961, (b) 16.6.1960. Post tat-twelid: Qaylubiyah, l-Eġittu. Ċittadinanza: Eġizzjana.'»

2. L-annotazzjoni 'El Sayed Ahmad Fathi *Hussein Elaiwa* (magħruf ukoll bħala (a) Hatim, (b) Hisham, (ċ) Abu Umar). Data tat-twelid: 30.7.1964. Post tat-twelid: Suez. Ċittadinanza: Eġizzjana'. Taħt l-intestatura 'Persuni naturali' għandhom isiru sostituzzjonijiet skont dan li ġej:

'Al Sayyid Ahmed Fathi *Hussein Eliwah* (magħruf ukoll bħala (a) Al Sayyid Ahmed Fathi Hussein Eliwa, (b) Al Sayyid Ahmed Fathi Hussein Alaiwah, (ċ) Al Sayyid Ahmed Fathi Hussein Elaiwa, (d) Al Sayyid Ahmed Fathi Hussein Ilewah, (e) Al Sayyid Ahmed Fathi Hussein Alaywah, (f) El Sayed Ahmad Fathi Hussein Elaiwa, (g) Hatim, (h) Hisham, (i) Abu Umar). Data tat-twelid: (a) 30.7.1964, (b) 30.1.1964. Post tat-twelid: (a) Suez, l-Eġittu, (b) Lixandra, l-Eġittu. Ċittadinanza: Eġizzjana. Informazzjoni oħra: joqgħod fir-Renju Unit.'»